MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2010

Numru. 1082/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Portelli)**

**vs**
**omisses**
**BARRY JOHN GRANT**

**Illum, 23 ta' Novembru, 2010**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom **Barry John Grant** ta' 27 sena, iben Simon John Grant u Maria Sylvana nee' Urpani, imwieled Northampton l-Ingilterra nhar it-tlieta w ghoxrin ta' Marzu, 1983 u residenti no. 41 'Kevin', flat no.2, Triq Nuzzo, Hamrun, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 149703L, u

**Henry Grogan** ta' 26 sena, iben Carmel u Rita nee' Attard, imwieled Pieta' nhar il-erbgha ta' Lulju, 1984 u residenti no. 4, Triq il-Biedja, Luqa, detentur tal-karta tal-identita' numru 328884(M).

1. Billi gew akkuzati talli gewwa Attard nhar l-20 ta' Settembru 2010, f'xi hin wara nofs in-nhar, ikkommettew serq ta' *generator* u zewg cilindri tal-gas minn go kamra f'ghalqa fi Triq San Tumas, Attard, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz u valur li jeccedi 232.94 euro izda li ma jeccedix 2,329.37 euro, u dan sar ghad-detriment ta' Nicola Schembri u/jew persuni ohra;

2. Lill **Henry Grogan wahdu** talli nhar l-20 ta' Settembru 2010, f'diversi bnadi f'dawn il-gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxiehom, u cioe' laqa' ghandu *generator* u zewg cilindri tal-gas, liema oggetti huwa propjeta' ta' l-imsemmi Nicola Schembri u/jew/ persuni ohra;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat Barry John Grant kif registrata waqt is-seduta tat-tlieta w ghoxrin ta' Novembru, 2010 w ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, seta' jerga' lura minnha, w fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tat-tlieta w ghoxrin ta' Novembru 2010, u dana fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu.

Rat illi l-Prosekuzzjoni talbet is-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront tal-imputat Barry John Grant stante l-amissjoni tieghu, u l-Qorti laqghet it-talba taghha, w kien ghalhekk li din is-sentenza ser tinghata biss fil-konfront tal-imputat Barry John Grant.

Ikkunsidrat ai fini ta’ piena:

Semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li l-imputat Grant ikkollabora bis-shih maghha tul l-investigazzjoni w li inoltre r-res furtiva giet kollha ritornata lil sidha, w li ghalhekk is-socjeta’ ma sofriet l-ebda danni materjali.

Semghet lid-derubat Nicola Schembri jiddikjara li kien lest li jahfer lill-imputat, w li m’ghandu l-ebda pretensjoni kontra tieghu peress illi r-res furtiva giet ritornata lilu w ma sofra ebda danni materjali.

Rat il-fedina penali netta tieghu bla ebda tebgha ta’ reat jew kotnravenzjoni registrata fuqha, w li ghalhekk l-imputat ghandu jitqies bhala *a first time offender*.

**Ghaldaqstant**, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, u b’mod partikolari **l-Artikoli 261 (b) u (c), 263, 267, 278, 279, 280 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tiddikjara li ssib lill-imputat BARRY JOHN GRANT hati tal-akkuzi mressqa kontra tieghu, u dan fuq ammissjoni tieghu stess, u tordna li ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 jitqieghed taht Ordni ta’ Probation ghall-perjodu ta’ sentejn, b’dan li ghandu jidher quddiemha darba kull sitt xhur skond id-digriet hawn anness.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------